A.L. 126 ta' l-1999

ORDINANZA DWAR IR-REGOLAMENT TAT-TRAFFIKU (KAP. 65)

KODIĊI TAL-LIĠIJIET TAL-PULIZIJA (KAP. 10)

Regolamenti ta' l-1999 li jemendaw ir-Regolamenti dwar is-Sinjali tat-Traffiku u l-Marki tal-Karreġġata

BIS-SAHHA tas-setgħat mogħtija bl-artikolu 17 ta' l-Ordinanza dwar ir-Regolament tat-Traffiku, u bl-artikolu 93 tal-Kodiċi tal-Liġijiet tal-Pulizija, il-Kummissarju tal-Pulizija, bil-parir tal-Bord għall-Kontroll tat-Traffiku, għamel ir-regolamenti li ġejjin:—

Titolu.

1. Dawn ir-regolamenti jistgħu jissejħu r-Regolamenti ta' l-1999 li jemendaw ir-Regolamenti dwar is-Sinjali tat-Traffiku u l-Marki tal-Karreġġata, u għandhom jinqraw u jiftiehmu ħaġa waħda mar-Regolamenti ta' l-1969 dwar is-Sinjali tat-Traffiku u l-Marki tal-Karreġġata, hawnhekk iżjed 'il quddiem imsejħa "ir-regolamenti prinċipali".

A.L. 94 ta' l-1969.

Jemenda t-Taqsima I ta' l-Iskeda li tinsab mar-regolamenti prinċipali.

2. Minnufih wara s-sinjal (9) tal-paragrafu E tat-Taqsima I ta' l-Iskeda li tinsab mar-regolamenti prinċipali, għandhom jiżdiedu dawn is-sinjali li ġejjin:—

"(10)

POSSIBILITÀ TA' VETTURI TA' L-AGRIKOLTURA FIT-TRIQ

(11) (12)



DWAL DWAL?

(13)



ŻONA KERHA TA' L-INĊIDENTI

(14)



SINJALI TA' TWISSIJA TA' TUMBATA FIT-TRIQ".

3. It-Taqsima II ta' l-Iskeda li tinsab mar-regolamenti prinċipali għandha tiġi emendata kif ġej:— Jemenda t-Taqsima II ta' l-Iskeda li tinsab mar-regolamenti prinċipali.

(a) minnufih wara s-sinjal (5) fil-paragrafu A tagħha, għandhom jiżdiedu dawn is-sinjali li ġejjin:—

"(c) (6)

VETTURI BIL-MUTUR HUMA PROJBITI

(7)



VETTURI MIĠBUDA MINN BHEJJEM HUMA PROJBITI";

(b) minnufih wara s-sinjal (5) tal-paragrafu B taghha, għandhom jiżdiedu dawn is-sinjali li ġejjin:—

"(f) (6)



DHUL F'ŻONI TA' *PEDESTRIANS* RISTRETT (TIPI ALTERNATTIVI)";

(ċ) minnufih wara s-sinjal (11) tal-paragrafu D taghha, għandhom jiżdiedu dawn is-sinjali li ġejjin:—

"(f) (12)



ŻONA TA' VELOĊITÀ

(13)



LINJI SOFOR DOPPJI TA' METRU TUL.
(ALTERNATIVA GHAT-TPINĠIJA TA' LINJI SOFOR KONTINWI U MA JAQTGHUX FIL-KANTUNIERI TAT-TOROQ SABIEX JINDIKAW IŻ-ŻONA TA' 5 METRI LI FIHA L-IPPARKJAR IKUN PROJBIT

(14)

HLIEF BIEX TAGHTI SERVIZZ F'DIN IT-TRIQ

(15)



STENNIJA PROJBITA FIL-PERJODU INDIKAT
FIL-PARTI TA' FUQ HLIEF B'DAWK IL-KUNDIZZJONIJIET
MURIJA FIL-PARTI T'ISFEL

(16)



STENNIJA PROJBITA HLIEF GHAT-TRASPORT TAT-TFAL
TA' L-ISKOLA

(17)



STENNIJA PROJBITA HLIEF GHAL TAGHBIJA JEW HATT MIT-TNEJN SAS-SIBT (ESKLUŻI IL-HDUD U FESTI PUBBLIĊI) (IL-HINIJIET IVARJAW) GHAL VETTURI KUMMERĊJALI BISS

(18)



STENNIJA PROJBITA BEJN IS-7.00 a.m. U NOFSINHAR

(19)





SINJALI ALTERNATTIVI TA' **"STENNIJA PROJBITA"** F'ŻONI AMBJENTALMENT SENSITTIVI".

4. Minnufih wara s-sinjal (7) tal-paragrafu B tat-Taqsima III ta' l-Iskeda li tinsab mar-regolamenti prinċipali, għandhom jiżdiedu dawn is-sinjali li ġejjin: —

Jemenda t-Taqsima III ta' l-Iskeda li tinsab mar-regolamenti prinċipali.

"(e) (8)

VETTURI JISTGHU JIPPARKJAW PARZJALMENT FIT-TARF TAL-BANKINA JEW FUQHA

(9)

TMIEM TAŻ-ŻONA FEJN VETTURI JISTGHU JIPPARKJAW FIT-TARF TAL-BANKINA JEW FUQHA

(10)



VETTURI JISTGHU JIPPARKJAW FIT-TARF TAL-BANKINA JEW FUQHA FIL-ĦINIJIET INDIKATI".

Jemenda t-Taqsima IV ta' l-Iskeda li tinsab mar-regolamenti prinċipali.

5 Minnufih wara s-subparagrafu (d) tal-paragrafu B tat-Taqsima IV ta' l-Iskeda li tinsab mar-regolamenti prinċipali, ghandu jiżdied dan is-sinjal li ġej:

"(iii)



(iii) BELISHA BEACONS CROSSING

(e) Vetturi esklużi milli jipparkjaw jew jistennew fiż-żona markata biż-żigżag fuq in-naha qrib ta' fejn jaqsmu n-nies".